**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 47**
**L-Erbgħa, 9 ta' Novembru, 2022 fid-9:00 a.m.**

**PJAZZA TAL-MELLIEĦA - PROĠETT TA' TISBIĦ - AĊĊESSIBILITÀ GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**2228. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-proġett ta' tisbiħ tal-Pjazza tal-Mellieħa hux se jkollu aċċessibiltà għall-persuni b'diżabilità, partikolarment dawk f'siġġu tar-roti għall-partijiet kollha tal-Pjazza? Jista' l-Ministru jgħidilna jekk hux ser tiġi istallata pjattaforma tas-siġġu tar-roti?

05/07/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jindirizza l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 47
09/11/2022

**UŻU TA' EMBRIJUNI**

**2727. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm mill-embrijuni mhux se jintużaw u jekk jintużaw, wara kemm?

03/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ħsieb hu li l-embrijuni kollha jiġu implantati. Waqt li hemm 4 embrijuni fil-proċess għal addozzjoni, il-ġenituri prospettivi l-oħra li għandhom l-embrijuni ffriżati kollha wrew ix-xewqa li jagħmlu użu mill-embrijuni f'ċikli ssusegwenti.

Seduta 47
09/11/2022

**SPTAR MATER DEI – WAITING LIST GĦAL APPUNTAMENT MA' DENTIST**

**2728. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm persuni fuq il-waiting list għall-appuntament tad-dentisti fl-Isptar Mater Dei?

03/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:**
Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm 1,017-il persuna jistennew għal filling u 305 għal dentatura fis-servizz dentali tal-Isptar Mater Dei.

Seduta 47
09/11/2022

**SPTAR MATER DEI – NUMRU TA' DENTISTI**

**2729. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'inhi l-istaff complement tad-dentisti f'Mater Dei?

03/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fil-preżent hemm 16-il dentist l-Isptar Mater Dei.

Seduta 47
09/11/2022

**SPEZZJONIJIET FI RZIEZET**

**2730. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru spezzjonijiet fi rziezet fejn jitrabbew l-annimali mill-2021 sal-lum?Jista' jgħid kemm instabu kontravvenzjonijiet f'dawn l-irziezet, u x'miżuri ttieħdu biex jitranġaw?

03/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja mill-2021 sal-aħħar ta' Settembru 2022 għamel 4,237 spezzjoni.

Fl-2021, kien hemm 8 kontravenzjonijiet fi rziezet ta' ruminanti żgħar (inħarġet ittra ta' penali u 7 ittri ta' twissija). Kien hemm 2 kontravenzjonijiet fi rziezet tat-tiġieġ (inħarġu 2 ittri ta' twissija). Ma kienx hemm kontravenzjonijet fl-irziezet ta' bovini, fniek, naħal u majjal.

Sal-aħħar ta' Settembru 2022 kien hemm biss kontravenzjoni waħda fi rziezet ta' ruminanti żgħar (inħarġet ittra ta' twissija), oħra fil-bovini (inħarġet ittra ta' twissija) u 19-il kontravenzjoni fl-irziezet tat-tiġieġ (inħarġu 19 ittri ta' twissija). Ma kienx hemm kontravenzjonijet fl-irziezet ta' fniek, naħal u majjal.

Seduta 47
09/11/2022

**ANIMAL WELFARE DIRECTORATE – VETERINARJI IMPJEGATI**

**2731. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn veterinarji jaħdmu mal-Animal WelfareDirectorate?

03/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bħalissa hawn veterinarja waħda taħdem mad-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali.

Seduta 47
09/11/2022

**IRZIEZET TAL-ANNIMALI REĠISTRATI**

**2732. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il razzett tal-annimali hawn irreġistrat?

03/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi f'Malta u Għawdex hawn 2,492 razzett tal-annimali li huma rreġistrati mad-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja.

Seduta 47
09/11/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR SAL-MELLIEĦA - TOROQ ALTERNATTIVI**

**2787. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 660, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid jekk hemmx pjanijiet għal rotta alternattiva minn San Pawl il-Baħar sal-Mellieħa, dan għaliex minbarra Telgħat ix-Xemxija, kemm il-Manikata u l-Imbordin mhumiex mibnija għall-influss tat-traffiku li jeżisti bejn San Pawl il-Baħar u l-Mellieħa?

04/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorita tal-Ippjanar m'għandha ebda applikazzjoni f'dan ir-rigward.

Seduta 47
09/11/2022

**TNEĦĦIJA TA' RMIĠĠI TAT-TEMP**

**2788. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 658, jista' l-Ministru jagħti l-informazzjoni mitluba għal kull tip ta' rmiġġ f'kull port ta' Malta?

04/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-proċess tal-permessi tal-irmiġġi hemm żewġ stadji. L-ewwel tiġi sottomessa applikazzjoni mill-individwu għal Irmiġġ u wara, jekk dan jiġi approvat wara l-verifiki neċessarji, joħroġ l-Irmiġġ Temporanju (Temporary Mooring Permit – TMP). Temporanju għaliex dan il-permess mhuwiex wieħed permanenti iżda joħroġ għal perjodu ta' sena, u jiġi mġedded kull sena. L-ebda permess Temporanju ma jitneħħa sakemm jitħallas it-tiġdid jew sakemm l-individwu ma jikser l-ebda kundizzjoni tal-permess jew xi regolamenti relatati.

Il-proċess tal-applikazzjoni (l-ewwel stadju) u tal-ħruġ tal-Irmiġġ Temporanju (it-tieni stadju) japplika għal kull żona u f'kull port ta' Malta u Għawdex, kemm għall-irmiġġi poppa l-art mal-mollijiet, dawk li bl-ingliz jissejħu *stern-to moorings* kif ukoll għall-irmiġġi fuq mazri fil-baħar.

Seduta 47
09/11/2022

**TRIBUNAL INDUSTRIJALI - TILWIM**

**2789. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 657, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ġustizzja u li issa ġiet riferuta lilu, u jagħti n-numru ta' tilwim li nstemgħu fit-Tribunal Industrijali bejn l-2017 u l-2022 u kemm damu biex jinqatgħu? Jista' jagħti l-medja ta' żmien biex każ jiġi finalizzat fit-Tribunal Industrijali?

04/10/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat kif ġej:

**<u>Tilwimiet fit-Tribunal Industrijali.</u>**

Mill-2017 sal-10 ta' Ottubru 2022 daħlu 12-il Tilwima.

| | | |
|---|---|---|
| 2017 | 4 | 3 deċiżi u waħda ċeduta |
| 2018 | 1 | Abbandunata |
| 2019 | 3 | 1 irtirata, 1 deċiża u 1 sine die |
| 2020 | 1 | Pendenti |
| 2021 | 1 | Pendenti |
| 2022 | 2 | Pendenti |

Medja tilwima tieħu mat-tliet (3) snin sabiex tiġi deċiża.

**Laqgħat ta' Konċiljazzjoni**

| Sena | Numru ta' Laqghat | Intalaħaq Ftehim bejn il-partijiet |
|---|---|---|
| 2017 | 25 | 19 |
| 2018 | 35 | 26 |
| 2019 | 40 | 32 |
| 2020 | 64 | 55 |
| 2021 | 35 | 31 |
| 2022 (sal- 10 ta' Ottubru) | 27 | 20 |

Seduta 47
09/11/2022

**SKEJJEL PRIMARJI TA' WIED IL-GĦAJN – STUDENTI REĠISTRATI F'DIN IS-SENA AKKADEMIKA**

**3377. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti reġistrati f'din is-sena akkademika fl-iskejjel primarji ta' Wied il-Għajn u dan komplessivament u sena b'sena?

25/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| St Thomas More College | K1 | K2 | Y1 | Y2 | Y3 | Y4 | Y5 | Y6 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| · Marsaskala Primary (St Anne) | 47 | 88 | 74 | 66 | 69 | 65 | 56 | 58 | 523 |
| · Marsaskala Primary (St Joachim) | 74 | 54 | 57 | 58 | 59 | 37 | 38 | 52 | 429 |
| **Total ta' studenti** | **121** | **142** | **131** | **124** | **128** | **102** | **94** | **110** | **952** |

Seduta 47
09/11/2022

**SKEJJEL PRIMARJI TAŻ-ŻEJTUN – STUDENTI REĠISTRATI F'DIN IS-SENA AKKADEMIKA**

**3378. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti reġistrati f'din is-sena akkademika fl-iskejjel primarji taż-Żejtun u dan komplessivament u sena b'sena?

25/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| St Thomas More College | K1 | K2 | Y1 | Y2 | Y3 | Y4 | Y5 | Y6 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| · Żejtun Primary A | 109 | 103 | 100 | 63 | 85 | | | | 460 |
| · Zejtun Primary B | | | | | | 92 | 81 | 73 | 246 |
| **Total ta' studenti** | **109** | **103** | **100** | **63** | **85** | **92** | **81** | **73** | **706** |

Seduta 47
09/11/2022

**SKEJJEL PRIMARJI TA' ĦAL GĦAXAQ – STUDENTI REĠISTRATI F'DIN IS-SENA AKKADEMIKA**

**3379. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti reġistrati f'din is-sena akkademika fl-iskejjel primarji ta' Ħal Għaxaq u dan komplessivament u sena b'sena?

25/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| St Benedict College | K1 | K2 | Y1 | Y2 | Y3 | Y4 | Y5 | Y6 | Grand Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Għaxaq Primary | 50 | 54 | 46 | 54 | 46 | 33 | 46 | 34 | 363 |

Seduta 47
09/11/2022

**SKEJJEL PRIMARJI TA' MARSAXLOKK – STUDENT REĠISTRATI F'DIN IS-SENA AKKADEMIKA**

**3380. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti reġistrati f'din is-sena akkademika fl-iskejjel primarji ta' Marsaxlokk u dan komplessivament u sena b'sena?

25/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| St Thomas More College | K1 | K2 | Y1 | Y2 | Y3 | Y4 | Y5 | Y6 | Grand Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marsaxlokk Primary | 36 | 30 | 18 | 16 | 15 | 35 | 24 | 20 | 194 |

Seduta 47
09/11/2022

**BREAST SCREENING**

**3389. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid, sena b'sena, kemm kien hemm nisa li għamlu screening tal-Kanċer tas-Sider minn meta twaqqaf il-programm fl-2009 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija? Kull sena, kemm intbagħtu inviti, kemm ġew aċċettati u kemm instabu li kellhom kanċer?

25/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba minnu hija skont it-tabella t'hawn taħt.

| SENA | INVITI MIBGĦUTA | NISA LI ATTENDEW | KAŻIJIET TA' KANĊER MISJUBA MIL-BREAST SCREENING |
|---|---|---|---|
| **Ott – Diċ 2009** | **1, 878** | **654** | **6** |
| **2010** | **11, 698** | **5, 690** | **43** |
| **2011** | **10,058** | **5, 385** | **59** |
| **2012** | **10,033** | **5, 594** | **58** |
| **2013** | **14, 359** | **7,169** | **39** |
| **2014** | **15, 130** | **9, 072** | **49** |
| **2015** | **16, 734** | **11,524** | **81** |
| **2016** | **17,903** | **9,224** | **41** |
| **2017** | **26,114** | **13,190** | **62** |
| **2018** | **20, 480** | **13, 772** | **57** |
| **2019** | **19, 900** | **13, 293** | **66** |
| **2020*** | **9, 111** | **7,287** | **52** |
| **2021** | **12, 856** | **11, 666** | **100** |
| **Jan - Ott 2022** | **11,417** | **10, 211** | **81** |

*Iċ-Ċentru tal-Screening kien magħluq minn nofs April sa Lulju minħabba l-pandemija tal-COVID.

Seduta 47
09/11/2022

**KANĊER TAL-PROSTATA**

**3390. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid, sena b'sena, kemm kien hemm irġiel li ħarġilhom kanċer tal-prostata mill-2010 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

25/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. interpellant illi l-istatistika ta' każi ġodda ta' kanċer tal-prostata bejn is-sena 2010 u 2019 hi skont t-tabelli mehmuża hawn taħt.

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kappa t'età | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
| | | | | | | | | | | |
| 0- 5 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 5-9 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 10-14 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 15-19 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 20-24 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 25-29 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 30-34 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 35-39 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 40-44 | 1 | 0 | 0 | 0 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 45-49 | 0 | 0 | 1 | 2 | 2 | 1 | 1 | 0 | 0 | 2 |
| 50-54 | 5 | 6 | 2 | 5 | 7 | 6 | 1 | 4 | 3 | 3 |
| 55-59 | 19 | 22 | 19 | 14 | 14 | 17 | 17 | 17 | 16 | 9 |
| 60-64 | 31 | 24 | 30 | 35 | 25 | 40 | 29 | 21 | 24 | 32 |
| 65-69 | 38 | 57 | 37 | 57 | 40 | 52 | 59 | 33 | 38 | 51 |
| 70-74 | 48 | 39 | 26 | 48 | 47 | 50 | 50 | 43 | 58 | 72 |
| 75-79 | 36 | 27 | 25 | 35 | 28 | 41 | 34 | 38 | 28 | 61 |
| 80-84 | 19 | 25 | 13 | 16 | 17 | 21 | 19 | 17 | 15 | 24 |
| 85+ | 12 | 10 | 10 | 15 | 7 | 3 | 6 | 10 | 6 | 19 |
| **Total għas-sena** | **209** | **210** | **163** | **227** | **189** | **232** | **216** | **183** | **188** | **273** |

Seduta 47
09/11/2022

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – EX ĦADDIEMA TAL-AIR MALTA LI QED JAĦDMU FIS-SETTUR PUBBLIKU**

**3391. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti rendikont ta' kemm ġew trasferiti impjegati li kienu jaħdmu mal-Air Malta u li issa qed jaħdmu mal-gvern/fis-settur pubbliku, f'entità jew dipartiment li jaqa' taħt id-dekasteru tiegħu? Jista' jindika x'salarju għandhom dawn l-impjegati? Jista' jindika wkoll il-livell ta' edukazzjoni ta' dawn l-impjegati?

25/10/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proċess għadu għaddej. Ladarba dan ikun lest, tingħata l-informazzjoni.

Seduta 47
09/11/2022

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – EX ĦADDIEMA TAL-AIR MALTA LI QED JAĦDMU FIS-SETTUR PUBBLIKU**

**3392. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti rendikont ta' kemm ġew trasferiti impjegati li kienu jaħdmu mal-Air Malta u li issa qed jaħdmu mal-gvern/fis-settur pubbliku, f'entità jew dipartiment li jaqa' taħt id-dekasteru tiegħu? Jista' jindika x'salarju għandhom dawn l-impjegati? Jista' jindika wkoll il-livell ta' edukazzjoni ta' dawn l-impjegati?

25/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 3391.

Seduta 47
09/11/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – EX ĦADDIEMA TAL-AIR MALTA LI QED JAĦDMU FIS-SETTUR PUBBLIKU**

**3393. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm ġew trasferiti impjegati li kienu jaħdmu mal-Air Malta u li issa qed jaħdmu mal-gvern/fis-settur pubbliku, f'entità jew dipartiment li jaqa' taħt id-dekasteru tiegħu? Jista' jindika x'salarju għandhom dawn l-impjegati? Jista' jindika wkoll il-livell ta' edukazzjoni ta' dawn l-impjegati?

25/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi l-mistoqsija tagħha lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 47
09/11/2022

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ – EX ĦADDIEMA TAL-AIR MALTA LI QED JAĦDMU FIS-SETTUR PUBBLIKU**

**3394. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm ġew trasferiti impjegati li kienu jaħdmu mal-Air Malta u li issa qed jaħdmu mal-gvern/fis-settur pubbliku, f'entità jew dipartiment li jaqa' taħt id-dekasteru tiegħu? Jista' jindika x'salarju għandhom dawn l-impjegati? Jista' jindika wkoll il-livell ta' edukazzjoni ta' dawn l-impjegati?

25/10/2022

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3391 tal-istess Seduta.

Seduta 47
09/11/2022

**DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA - ĦADDIEMA MQABBDA MA' KUNTRATTURI**

**3455. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1532, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hu n-numru ta' sigħat?

27/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista bin-numru ta' sigħat tal-ħaddiema li qegħdin jagħtu servizz lill-Gvern u li huma impjegati mal-kuntrattur.

Seduta 47
09/11/2022

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - ĦADDIEMA MQABBDA MA' KUNTRATTURI**

**3456. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1535 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 376, jista' l-Ministru jagħti din l-informazzjoni fir-rigward tal-ħaddiema li qegħdin jagħtu servizz lill-Gvern u li huma impjegati mal-kuntrattur u mhux fir-rigward tal-ħaddiema kollha tal-kumpanija privata?

27/10/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru tal-ħaddiema mal-kuntrattur huwa ta' 34.

Seduta 47
09/11/2022

**SERVIZZ TAL-FERRY MIX-XATT TA' BORMLA SAL-BELT VALLETTA**

**3479. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jressaq ir-rappreżentazzjonijiet, direzzjonijiet jew ordnijiet neċessarji sabiex fil-ġimgħa ta' bejn l-1 ta' Diċembru u t-8 ta' Diċembru, is-servizz tal-Ferry mix-xatt ta' Bormla sal-Belt jiżdied u jidħol wara l-ħin tal-11.30 p.m. in vista tal-Festa tal-Immakulata?

27/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-servizz tal-Ferry, għalkemm jopera bi ftehim mal-Awtorità, huwa servizz privat.

Sfortunatament, ir-rotta bejn it-3 ibliet u l-Belt Valletta meta fuq talba tal-Awtorità tiġi estiża waqt l-istaġun tas-sajf, normalment topera b'telf.

Għaldaqstant, iktar u iktar issa li qegħdin fl-istaġun tax-xitwa id-domanda tkun ferm inqas speċjalment f'ħinijiet estiżi u allura, estensjoni sal-11.30 p.m. għal ġimgħa sħiħa għal din l-okkażjoni ma tkunx vijabbli għall-Operatur bl-ispejjeż kollha involuti biex jiġi pprovdut is-servizz.

Madankollu, l-Awtorità, bi ftehim mal-Operatur, se titlob estensjoni tas-servizz għal ġurnata massimu tnejn bejn is-7 u t-8 ta' Diċembru, anke jekk din tinvolvi spejjeż addizzjonali, biex il-pubbliku jkun jista' jgawdi lejliet u nhar il-festa tal-Kunċizzjoni.

Seduta 47
09/11/2022

**ĦAL TARXIEN – PROĠETT TA' RIĠENERAZZJONI TAL-PJAZZA U Z-ZUNTIER QUDDIEM IL-KNISJA PARROKKJALI**

**3480. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għall-Konferenza tal-Aħbarijiet li kienet saret fl-14 ta' Mejju 2019 għall-Proġett ta' Riġenerazzjoni tal-Pjazza u z-Zuntier quddiem il-Knisja Parokkjali ta' Ħal Tarxien kif ukoll għall-mistoqsijiet parlamentari sussegwenti, jista' l-Ministru jinforma l-Kamra x'passi ttieħdu u f'liema stadju jinsabu l-pjani u d-disinji relattivi u jekk ġewx konsultati l-awtoritajiet relattivi u l-istess kunsill lokali?

27/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien illi qed jinżammu laqgħat bejn Infrastructure Malta u l-Kunsill Lokali dwar dan l-imsemmi proġett tal-pjazza u z-zuntier.

Infurmat ukoll illi l-proġett qed jitwettaq parzjalment minn Infrastructure Malta u parzjalment mill-Kunsill Lokali.

Il-Kunsill se jkun qed jagħmel użu mid-Development Planning Funds sabiex jagħmel tajjeb għall-pavimentar u l-fanali tal-pjazza u l-isqaqien tal-madwar.f

Infurmat ukoll li l-Kunsill Lokali rispettiv daħal ukoll fi ftehim mal-Arcipriet sabiex jagħmel tajjeb għar-restawr taz-zuntier tal-Knisja. Intant, infurmat li bis-saħħa tad-Development Planning Fund, il-Kunsill rispettiv mhux ser ikun qed jonfoq fondi addizzjonali mill-allokazzjoni finanzjarja tiegħu.

Seduta 47
09/11/2022

**IL-GŻIRA – ŻIEDA FL-ATTI KRIMINALI**

**3606. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm żdiedu atti kriminali sena b'sena dawn l-aħħar ħames snin fil-Gżira?

02/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi n-numru ta' reati kriminali rreġistrati ġewwa l-Gżira, fis-sistema tal-Pulizija, mis-sena 2017 sal-aħħar ta' Settembru 2022, huma kif jidher fit-tabella t'hawn taħt. Mill-figuri mis-sena 2020 ma jistax jingħad li kien hemm xi żieda.

| **Gzira** | **2017** | **2018** | **2019** | **2020** | **2021** | **Up to 30/09/2022** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| ABANDON OF CHILD | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 |
| ABUSE OF PUBLIC AUTHORITY | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 |
| ARSON | 2 | 2 | 4 | 0 | 0 | 0 |
| ATTEMPTED OFFENCES | 16 | 12 | 17 | 12 | 9 | 3 |
| BODILY HARM | 20 | 23 | 27 | 26 | 26 | 9 |
| COMPUTER MISUSE | 5 | 2 | 8 | 6 | 6 | 2 |
| DAMAGE | 88 | 91 | 115 | 102 | 110 | 74 |
| DOMESTIC VIOLENCE | 32 | 16 | 23 | 22 | 23 | 23 |
| DRUGS | 3 | 3 | 4 | 2 | 9 | 0 |
| FORGERY | 0 | 1 | 0 | 1 | 0 | 0 |
| FRAUD | 14 | 17 | 23 | 17 | 37 | 21 |
| MONEY LAUNDERING | 0 | 1 | 3 | 1 | 0 | 0 |
| PORNOGRAPHY | 0 | 1 | 0 | 0 | 1 | 0 |
| PRETENDED RIGHTS | 0 | 1 | 8 | 7 | 6 | 9 |
| PROSTITUTION | 6 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| SEXUAL OFFENCE | 3 | 3 | 1 | 2 | 1 | 2 |
| THEFT | 178 | 146 | 216 | 151 | 135 | 99 |
| THREATS AND PRIVATE VIOLENCE | 3 | 10 | 5 | 7 | 10 | 5 |
| UNAUTHORIZED ACC IN REST AREA | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| VIOLENCE AGAINST PUB OFFICER | 1 | 1 | 1 | 2 | 0 | 1 |
| **Grand Total** | **371** | **330** | **455** | **360** | **373** | **249** |

Seduta 47
09/11/2022

**L-IMSIDA – ŻIEDA FL-ATTI KRIMINALI**

**3607. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm żdiedu atti kriminali sena b'sena dawn l-aħħar ħames snin fl-Imsida?

02/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi n-numru ta' reati kriminali rreġistrati fl-Imsida, fis-sistema tal Pulizija, mis-sena 2017 sal-aħħar ta' Settembru 2022, huma kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt. Il-medja u l-varjazzjoni tal-ammont ta' reati f'dan il-perjodu huma relattivament qrib.

| **Msida** | **2017** | **2018** | **2019** | **2020** | **2021** | **Up to 30/09/2022** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| ABUSE OF PUBLIC AUTHORITY | 0 | 1 | 0 | 1 | 2 | 0 |
| ARSON | 3 | 1 | 2 | 1 | 0 | 1 |
| ATTEMPTED OFFENCES | 23 | 17 | 23 | 26 | 10 | 8 |
| BODILY HARM | 24 | 31 | 35 | 29 | 26 | 23 |
| COMPUTER MISUSE | 4 | 6 | 6 | 10 | 6 | 9 |
| CRIMES - RELIGIOUS SENTIMENT | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| CRIMES AGAINST PUBLIC PEACE | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| CRIMES VS ADMIN OF JUSTICE ETC | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 |
| DAMAGE | 151 | 131 | 131 | 113 | 156 | 96 |
| DOMESTIC VIOLENCE | 15 | 21 | 23 | 31 | 55 | 25 |
| DRUGS | 4 | 7 | 4 | 4 | 17 | 6 |
| FORGERY | 3 | 1 | 1 | 2 | 0 | 3 |
| FRAUD | 37 | 25 | 24 | 22 | 67 | 37 |
| HOMICIDE | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 |
| IMMIGRATION | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 |
| MONEY LAUNDERING | 0 | 0 | 0 | 1 | 4 | 0 |
| PORNOGRAPHY | 0 | 1 | 0 | 0 | 2 | 0 |
| PRETENDED RIGHTS | 1 | 2 | 4 | 5 | 8 | 6 |
| SEXUAL OFFENCE | 3 | 1 | 6 | 7 | 5 | 6 |
| THEFT | 248 | 228 | 261 | 201 | 143 | 106 |
| THREATS AND PRIVATE VIOLENCE | 7 | 9 | 10 | 9 | 12 | 14 |
| TRAFFICKING OF PERSONS | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| VIOLATION OF PLACES OF CONFINE | 0 | 0 | 3 | 0 | 1 | 0 |
| VIOLENCE AGAINST PUB OFFICER | 4 | 5 | 3 | 3 | 6 | 3 |
| **Grand Total** | **528** | **488** | **536** | **467** | **520** | **346** |

Seduta 47
09/11/2022

**SAN ĠWANN – ŻIEDA FL-ATTI KRIMINALI**

**3608. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm żdiedu atti kriminali sena b'sena dawn l-aħħar ħames snin f'San Ġwann?

02/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi n-numru ta' reati kriminali rreġistrati f'San Ġwann, fis-sistema tal Pulizija, mis-sena 2017 sal-aħħar ta' Settembru 2022, huma kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt. Ħlief is-sena li għaddiet, il-medja ta' rapporti għal kull sena hija relattivatment qrib.

| **San Ġwann** | **2017** | **2018** | **2019** | **2020** | **2021** | **Up to 30/09/2022** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| ABUSE OF PUBLIC AUTHORITY | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| ARSON | 0 | 1 | 1 | 0 | 1 | 0 |
| ATTEMPTED OFFENCES | 24 | 11 | 18 | 11 | 7 | 6 |
| BODILY HARM | 21 | 9 | 19 | 17 | 6 | 14 |
| COMPUTER MISUSE | 5 | 6 | 5 | 2 | 10 | 10 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| CRIMES AGAINST PUBLIC SAFETY | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| DAMAGE | 73 | 65 | 58 | 70 | 63 | 59 |
| DOMESTIC VIOLENCE | 30 | 26 | 21 | 27 | 36 | 21 |
| DRUGS | 2 | 2 | 1 | 4 | 6 | 2 |
| FORGERY | 0 | 2 | 2 | 0 | 1 | 1 |
| FRAUD | 21 | 17 | 18 | 13 | 68 | 20 |
| IMMIGRATION | 1 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 |
| MONEY LAUNDERING | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 | 0 |
| PERJURY AND FALSE SWEARING | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 |
| PORNOGRAPHY | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 |
| PRETENDED RIGHTS | 7 | 6 | 8 | 7 | 3 | 2 |
| SEXUAL OFFENCE | 0 | 3 | 3 | 1 | 3 | 3 |
| THEFT | 98 | 80 | 100 | 72 | 82 | 53 |
| THREATS AND PRIVATE VIOLENCE | 3 | 13 | 3 | 3 | 8 | 9 |
| UNAUTHORIZED ACC IN REST AREA | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 |
| VIOLENCE AGAINST PUB OFFICER | 1 | 4 | 3 | 1 | 3 | 3 |
| **Grand Total** | **287** | **246** | **260** | **230** | **301** | **203** |

Seduta 47
09/11/2022

**TAX-XBIEX – ŻIEDA FL-ATTI KRIMINALI**

**3609. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm żdiedu atti kriminali sena b'sena dawn l-aħħar ħames snin f'Ta' Xbiex?

02/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' reati kriminali rreġistrati f'Ta' Xbiex, fis-sistema tal Pulizija, mis-sena 2017 sal-aħħar ta' Settembru 2022, huma kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt. Ma jistax jingħad li kien hemm xi żieda li tispikka u l-varjazzjoni fil-figuri għal kull sena hija relattivatment baxxa.

| **Ta' Xbiex** | **2017** | **2018** | **2019** | **2020** | **2021** | **Up to 30/09/2022** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| ARSON | 0 | 1 | 2 | 0 | 0 | 0 |
| ATTEMPTED OFFENCES | 6 | 3 | 7 | 6 | 6 | 4 |
| BODILY HARM | 4 | 2 | 1 | 4 | 2 | 4 |
| COMPUTER MISUSE | 0 | 3 | 4 | 3 | 2 | 4 |
| DAMAGE | 34 | 34 | 29 | 20 | 30 | 20 |
| DOMESTIC VIOLENCE | 6 | 3 | 4 | 7 | 15 | 4 |
| DRUGS | 1 | 2 | 1 | 0 | 0 | 0 |
| FORGERY | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 1 |
| FRAUD | 5 | 9 | 11 | 8 | 11 | 6 |
| PRETENDED RIGHTS | 1 | 1 | 1 | 1 | 5 | 3 |
| PROSTITUTION | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| SEXUAL OFFENCE | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 | 0 |
| THEFT | 46 | 42 | 57 | 30 | 52 | 27 |
| THREATS AND PRIVATE VIOLENCE | 2 | 1 | 3 | 2 | 0 | 2 |
| TRAFFICKING OF PERSONS | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 |
| VIOLENCE AGAINST PUBLIC OFFICER | 0 | 1 | 1 | 0 | 1 | 0 |
| **Grand Total** | **106** | **103** | **121** | **82** | **127** | **75** |

Seduta 47
09/11/2022

**IS-SWIEQI – ŻIEDA FL-ATTI KRIMINALI**

**3610. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm żdiedu atti kriminali sena b'sena dawn l-aħħar ħames snin fis-Swieqi?

02/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' reati kriminali rreġistrati fis-Swieqi, fis-sistema tal Pulizija, mis-sena 2017 sal-aħħar ta' Settembru 2022, huma kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt. Kuntrarju għal dak maħsub mill-Onor. Membru ma jistax jingħad li kien hemm xi żieda.

| **Swieqi** | **2017** | **2018** | **2019** | **2020** | **2021** | **Up to 30/09/2022** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| ABORTION | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| ARSON | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| ATTEMPTED OFFENCES | 13 | 8 | 6 | 9 | 10 | 0 |
| BODILY HARM | 7 | 10 | 9 | 4 | 3 | 2 |
| COMPUTER MISUSE | 4 | 5 | 3 | 4 | 4 | 11 |
| CRIMES AGAINST PUBLIC PEACE | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| CRIMES VS ADMIN OF JUSTICE ETC | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| DAMAGE | 47 | 59 | 65 | 58 | 43 | 28 |
| DOMESTIC VIOLENCE | 19 | 24 | 11 | 20 | 28 | 13 |
| DRUGS | 1 | 0 | 4 | 2 | 6 | 0 |
| FORGERY | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 2 |
| FRAUD | 18 | 17 | 15 | 14 | 47 | 32 |
| HOMICIDE | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| IMMIGRATION | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 |
| MONEY LAUNDERING | 0 | 0 | 1 | 0 | 2 | 0 |
| PERJURY AND FALSE SWEARING | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| PORNOGRAPHY | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 | 0 |
| PRETENDED RIGHTS | 0 | 6 | 4 | 3 | 5 | 2 |
| SEXUAL OFFENCE | 3 | 2 | 5 | 4 | 6 | 3 |
| THEFT | 91 | 67 | 83 | 60 | 50 | 30 |
| THREATS AND PRIVATE VIOLENCE | 1 | 6 | 8 | 5 | 4 | 1 |
| VIOLENCE AGAINST PUB OFFICER | 1 | 1 | 1 | 1 | 0 | 1 |
| **Grand Total** | **209** | **207** | **216** | **185** | **212** | **127** |

Seduta 47
09/11/2022

**ŻIEDA FIL-PULIZIJA**

**3611. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm żdiedu pulizija dawn l-aħħar ħames snin, sena b'sena?

02/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi bejn is-sena 2018 u l-aħħar ta' Settembru ta' din is-sena, l-ammont ta' uffiċjali tal-Pulizija (eskluż civilians) li żdiedu fil-Korp kien ta' tliet mija u ħamsin (350).

Seduta 47
09/11/2022

**MIŻURA TA' €300 LILL-ĠENITURI LI JIBAGĦTU LIL ULIEDHOM GĦALL-ATTIVITAJIET SPORTIVI, ARTISTIĊI JEW KULTURALI**

**3623. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-miżura ta' €300 fis-sena għall-ġenituri li jibagħtu lil uliedhom għal attivitajiet sportivi, artistiċi jew kulturali hix se tkun għal kull wild?

02/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 47
09/11/2022

**ĦAL FAR – ĊENTRU NAZZJONALI TAL-MOTORSPORT – TARGET COMPLETION DATE**

**3624. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi t-target completion date tal-proġett għall-bini ta' Ċentru Nazzjonali tal-Motorsport f'Ħal Far?

02/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan il-proġett mistenni jkun lest f'din il-leġiżlatura.

Seduta 47
09/11/2022

**SKIP MANAGEMENT FACILITY – TARGET COMPLETION DATE**

**3625. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'inhi t-target completion date biex tinbena Skip Management Facility kif tħabbar fid-Diskors tal-Baġit nhar it-Tnejn 24 ta' Ottubru?

02/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-pjanijiet huma li dan il-proġett jitlesta sal-aħħar tal-2025.

Seduta 47
09/11/2022

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - DIRECT ORDERS LIL KUMPANIJA**

**3626. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm ingħataw direct orders matul din is-sena (sal-ġurnata li qed tingħata din it-tweġiba), xahar b'xahar, mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu lil One Productions Limited?

02/11/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 47
09/11/2022

**MĠARR, MARSALFORN U X-XLENDI, GĦAWDEX – "TENDER FOR THE MANAGEMENT (SERVICE OF TRADESMEN OPERATORS) OF THE FISHERS' FACILITIES"**

**3634. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid fiex tikkonsisti s-sejħa li ħareġ il-Ministeru tiegħu f'dawn l-aħħar ġimgħat "Tender for the management (service of tradesmen operators) of the fishers' facilities situated at Mġarr, Marsalforn and Xlendi, Gozo" u jgħid ukoll min kien qed joffri dan is-servizz, sena b'sena, f'dawn l-aħħar ħames snin u kemm kienet l-ispiża, sena b'sena, f'dawn l-aħħar ħames snin?

02/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dawn id-dettalji jinsabu fit-Terms of Reference tal-istess sejħa għall-offerti.

Seduta 47
09/11/2022

**ANIMAL WELFARE GOZO – PERSUNA ASSENJATA**

**3643. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 2811 u 3428, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija kollha u jgħid kemm applikaw u kemm minn dawk li applikaw kienu eleġibbli? Jista' jgħid min hi l-persuna li tpoġġiet tmexxi din it-taqsima u xi kwalifiċi għandha? Jista' jgħid ma' liema dipartiment suppost hija impjegata din il-persuna? Jista' jgħid b'mod speċifiku kemm hemm animal welfare officers f'din it-taqsima?

03/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proċess tal-għażla għadu mhux konkluż u għaldaqstant din l-informazzjoni ma tistax tingħata. Bħalma ngħad fir-risposti għall-mistoqsijiet parlamentari 2811 u 3428, din t-taqsima taqa' taħt ir-responsabilità diretta tad-direttur EkoGħawdex fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. F'din it-taqsima hemm jaħdmu 17-il ħaddiem li joffru servizz ta' 24 siegħa.
Minn dawn il-ħaddiema tlieta jagħmlu xogħol klerikali, uffiċjal ieħor huwa veterinarju, uffiċjal ieħor hija cleaner, wieħed jieħu ħsieb iż-żona tal-qtates, u tlieta jkunu fuq ix-xift. Il-ħaddiema tax-xift jieħdu ħsieb it-tindif taż-żona tal-klieb, joħorġu fuq sejħiet għall-għajnuna bl-ambulanza, jitimgħu l-stray cats madwar Għawdex u jġorru l-annimali minn u lejn il-veterinarju.

Seduta 47
09/11/2022

**TOROQ F'GĦAWDEX - FONDI**

**3644. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid liema huma t-toroq (isem tat-triq u r-raħal) ġewwa Għawdex li l-Ministeru għal Għawdex applika għalihom u jgħid liema minnhom ġew aċċettati u liema ma ġewx aċċettati biex isiru matul is-snin 2022 u 2023 mill-programm '*Rural Development Programme 2014-2020 Measure 4.3 - European Agricultural Fund for Rural Development*' u kemm se jingħata flus minn dan il-fond il-Ministeru għal Għawdex għal dawn it-toroq?

03/11/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tiġi miġbura u tingħata f'seduta oħra.

Seduta 47
09/11/2022

**MARSALFORN – BREAKWATER - PROĠETT**

**3645. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proġett tal-Breakwater ta' Marsalforn? Jista jgħid x'sar matul is-sena 2022 fuq dan il-proġett u kemm intefqu flus matul din is-sena fuq dan il-proġett u għalxiex intefqu?

03/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa l-Ministeru għaddej bil-proċess tal-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar. Dan is-sajf saru l-investigazzjonijiet ġeoloġiċi fis-sit fejn hu ppjanat li jkun hemm il-breakwater. Ir-riżultati tagħhom se jkunu qed jiġu integrati fil-kumpilazzjoni tal-Environmental Impact Assessment. B'rabta ma' dan il-proġett matul din is-sena ntefqet is-somma ta' €214,434.00 VAT eskluż li tkopri l-investigazzjonijiet ġeoloġiċi.

Seduta 47
09/11/2022

**IS-SANNAT – TRIQ SANNAT – ROAD MARKINGS**

**3646. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid għaliex fi Triq Sannat, it-triq prinċipali li twassal għar-raħal Ta' Sannat, għaddew iktar minn sentejn u għadha ma saritx fiha zebra crossing kif ukoll is-sinjal tan-nofs tat-triq biż-żebgħa li jifred karreġġjata minn oħra, u għalhekk hemm periklu kbir f'din l-imsemmija triq? Jista' jgħid jekk isseħħ inċident min ser ikun responsabbli għal dawn in-nuqqasijiet serji li issa ilhom snin pendenti?

03/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tali sinjali tat-traffiku ser isiru ladarba jsir id-dawl tas-sinjali tat-traffiku. Tali xogħol ser isir flimkien mal-proġett tal-pjazza.

Seduta 47
09/11/2022

**SKEJJEL F'GĦAWDEX - MANUTENZJONIJIET**

**3647. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid matul is-sena 2022 sal-lum kemm kienet in-nefqa:
a. fuq it-tisbiħ u modernizzar tal-Iskola Primarja ta' Kerċem;
b. fuq it-tisbiħ u modernizzar tal-Iskola Primarja taż-Żebbuġ;
ċ. fuq it-tisbiħ u modernizzar tal-Iskola Primarja tal-Għarb;
d. fuq it-tisbiħ ta' diversi faċċati ta' diversi skejjel f'Għawdex?
F'kull każ jista' jagħti data meta ser ikun lest ix-xogħol?

03/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 47
09/11/2022

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR – INFORMAZZJONI DWAR IN-NUMRU TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**3660. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tagħti tagħrif dwar jekk il-Ministeru għandux lista waħda li fiha hemm imniżżla l-persuni kollha li għandhom xi tip ta' diżabilità? Tista' tgħid jekk il-Ministeru għandux informazzjoni dwar in-numru ta' persuni b'diżabilità li hawn f'Malta u Għawdex? Jekk iva, tista' tgħid kemm hu n-numru ta' persuni li huma magħrufa li għandhom diżabilità u tagħti tagħrif dwar kif din il-lista tiġi aġġornata minn żmien għal żmien? Kemm hu n-numru ta' persuni li għandhom blue sticker f'pajjiżna u f'liema lokalità huma rreġistrati li joqogħdu lokalità b'lokalità? Kemm hu n-numru ta' persuni li għandhom European Disability Card f'pajjiżna u f'liema lokalità huma rreġistrati li joqogħdu lokalità b'lokalità?

03/11/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li lista speċifika kif mitluba ma teżistix, anke għax il-firxa wiesgħa ta' benefiċċji relatati mal-persuni b'diżabilità huma mqassmin fi skemi, direttorati u entitajiet differenti fi ħdan Ministeri differenti.
Minkejja dan, fejn jidħol id-dekasteru li jien responsabbli minnu hemm 23,817 persuna li għandhom EU Disability Card li minnhom, 13,412 persuna għandhom il-Blue Badge. Tajjeb li wieħed jinnota li benefiċċju ma jeskludix lill-ieħor u dan japplika fejn jidħlu benefiċċji oħrajn li jinħarġu mill-Ministeri l-oħrajn involuti.
Li hu żgur hu li llum, u issa anke bil-miżuri mħabbrin fil-Baġit għall-2023, qed tingħata jew tiġi offruta l-akbar għajnuna lill-persuni b'diżabilità.

Seduta 47
09/11/2022

**BAĠIT 2023 – INVESTIMENT GĦAL ASSISTENTI PERSONALI U GĦAL INDEPENDENT COMMUNITY LIVING**

**3661. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Billi f'paġna 30 tad-Diskors tal-Baġit qed jingħad li matul l-2023 se jkun hemm investiment ta' €4.2 miljun għal assistenti personali kif ukoll għal independent community living, tista' l-Ministru tagħti tagħrif dwar kif se jkunu qed jintefqu dawn il-flus, kif ukoll kemm se jkun hemm persuni li mistennija jibbenefikaw minn dawn in-nefqiet?

03/11/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor Interpellant li l-fondi vvutati f'żewġ voti, is-Support Independent Community Living – 5594, u l-Personal Assistant Scheme – 5109, bl-ammont globali ta' €4.2 miljun. Dawn ser ikunu użati biex persuni li diġà qed jieħdu fondi min dawn l-iskemi biex jingaġġaw assistent personali jkompu jibbenefikaw minn din l-għajnuna finanzjarja b'allokazzjonijiet riveduti bħalma jsir kull sena, filwaqt li jintlaħqu wkoll applikanti ġodda. Hu mistenni li fl-2023 ser tkompli l-ħidma biex issir riforma fis-servizz tal-assistent personali u b'dan l-investiment ivvutat, hu stmat li jibbenefikaw madwar 370 persuna matul is-sena 2023.

Seduta 47
09/11/2022

**BAĠIT 2023 - ESTENSJONI MINN FEJN GĦAQDIET VOLONTARJI JKUNU JISTGĦU JOPERAW**

**3662. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Billi f'paġna 33 tad-Diskors tal-Baġit hemm referenza għal estensjoni minn fejn għaqdiet volontarji jkunu jistgħu joperaw, tista' l-Ministru tindika dwar fiex se jkunu jikkonsistu dawn l-ispazji miżjuda? Tista' tagħti tagħrif dwar kif il-kunċett ta' one stop shop se jkun jista' jiġi użat mill-għaqdiet volontarji?

03/11/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nixtieq ninforma lill-Onor. Interpellant li dwar l-estensjoni minn fejn għaqdiet volontarji jkunu jistgħu joperaw ser inkunu qedin jinfetħu żewġ Ċentri tal-Volontarjat oħra sabiex jiżdiedu ma dawk eżistenti ġewwa l-Belt Valletta; ir-Rabat, Malta; u x-Xewkija Għawdex. Dawn iż-żewġ Ċentri ser ikunu fir-Reġjun tal-Port u fir Reġjun tan-Nofs ta' Malta. F'dawn iċ-Ċentri l-għaqdiet volontarji ser ikunu provduti bi spazju fejn jistgħu jiltaqgħu u jorganizzaw attivitajiet mal-membri tagħhom. Dawn iċ-Ċentri jintużaw ukoll sabiex isiru laqgħat ta' informazzjoni u taħriġ għall-istess għaqdiet. Mis-sena li ġejja dawn iċ-Ċentri ser iservu wkoll bħala 'one-stop-shop' fejn l-għaqdiet u individwi jistgħu jingħataw informazzjoni u assistenza dwar kull aspett li jolqot lis-settur tal-volontarjat. Dawn il-'one-stop-shops' ser ikunu ko-ordinati b'kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat u l-Kummissarju għas-Settur tal-Volontarjat. Fil-preżent qed issir analisi wkoll tad-diversi entitajiet regolatorji li b'xi mod jmissu magħhom l-għaqdiet biex jiġu identifikati dawk l-aspetti, fejn hu possibbli, jiġu simplifikati u l-għaqdiet gwidati.

Seduta 47
09/11/2022

**AWTORITÀ TAD-DJAR- SKEMI TAL-HOUSING GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**3663. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar kemm persuni/familji bbenefikaw minn skemi tal-Housing maħsubin għall-persuni b'diżabilità għas-snin 2021 u 2022 separatament? Minn liema skemi, b'mod separat, ibbenefikaw dawn il-persuni/familji?

03/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li għas-snin 2021 u 2022 l-Awtorità tad-Djar kellha s-segwenti persuni/familji b'diżabilità li bbenefikaw minn skemi tal-Awtorità:

| Skema | 2021 | 2022* |
|---|---|---|
| Skema Persuni B'Diżabilità | 180 | 188 |

| | | |
|---|---|---|
| Skema Benefiċċju tal-Kera | 145 | 213 |
| Skema Sussidju tal-Kera ta' qabel 1995 | Nil | 4 |
| Skema Social Loan | 2 | Nil |
| Skema Lifts | 6** | 15** |

*Sat-8 ta' Novembru 2022
**Minn dawn il-liftijiet li ġew installati, ibbenefikaw 166 familja (48 fis-sena 2021 u 118 fis-sena 2022).

Seduta 47
09/11/2022

**AZJENDI LI JIMPJEGAW PERSUNI B'DIŻABILITÀ - GĦAJNUNA**

**3664. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar x'għajnuna speċifika tingħata lil dawk l-azjendi li jimpjegaw persuni b'diżabilità magħhom? Jista' jagħti tagħrif dwar jekk hemmx il-ħsieb li din l-għajnuna li tingħata tkompli tiżdied u fil-każ kif? Jista' jgħid kemm kien hemm azjendi li ddeċidew li minflok jimpjegaw persuni b'diżabilità, iħallsu l-ħlasijiet li tistabilixxi l-liġi f'dawn iċ-ċirkostanzi?

03/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi bħala għajnuna lil dawk l-azjendi li jimpjegaw persuni b'dizabilità fis-settur privat jinkludu;
1. L-Iskema t'Aċċess għall-Impjiegi (A2E), kofinanzjata mill-Fond Socjali Ewropew u l-Gvern Malti, li tipprovdi sussidju ta' €158.20 fil-ġimgħa għal tliet snin, għal kull persuna b'dizabilità ġdida f'impjieg full-time. Fil-każ ta' impjieg part-time jingħata sussidju prorata. Ir-rata tas-sussidju tiżdied kull sena sabiex tinkorpora iż-żieda tal-għoli tal-ħajja.
2. Jirċievu inċentiv fiskali ta' 25% tas-salarju bażiku annwali għal kull persuna b'dizabilità diġà impjegata sa massimu ta' €4,500, immedjatament wara t-tmiem ta' kull sena kalendarja.
3. Kumpaniji privati li jimpjegaw persuni b'diżabilità jistgħu japplikaw biex jiġu eżentati mill-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għall-impjegati rreġistrati b'dizabilità.
Barra mill-inċentivi msemmija hawn fuq, il-Fondazzjoni Lino Spiteri (LSF) tipprovdi servizz ta' 'job carving' lil min iħaddem billi tassistih joħloq xogħol addattat għall-persuni b'dizabilità. Barra minn hekk tipprovdi wkoll is-sapport ta' 'job coach' skont il-ħtieġa biex il-persuna b'diżabilità titgħallem ix-xogħol u tintegra fl-ambjent tax-xogħol.
Sal-lum m'hemmx pjanat tibdil fl-għajnuna li tingħata preżentament. Fir-rigward tal-azjendi li ddeċidew li minflok jimpjegaw persuni b'dizabilità, iħallsu l-ħlasijiet li tistabbilixxi l-liġi f'dawn iċ-ċirkostanzi, sa tmiem is-sena 2021 kien hemm 633 azjenda mhux konformi, filwaqt li sal-aħħar ta' Settembru 2022 kien hemm 728 azjenda mhux konformi.

Seduta 47
09/11/2022

**SERVIZZI TA' TERAPIJA GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**3670. L-ONOR. GRAZIELLpA GALEA** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid liema servizzi ta' terapija jistgħu jibbenefikaw minnhom persuni b'diżabilità? Jista' jgħid ukoll kemm hemm persuni b'diżabilità li qegħdin effettivament jibbenefikaw minn kull wiehed minn dawn is-servizzi u kemm hi l-waiting list għal kull servizz?

04/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 47
09/11/2022